MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 2724/1999/1

**Maltacom plc gia Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Grima Communications Company Ltd u R.E.L.I Company Ltd**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz tat-telephone bejn il-partijiet, is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jghatu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef seba mija u tminja u tmenin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm4788.75), dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone bin-numri

220514, 232605, 249154, 249155, 249156, 249157, 249158, 249536 u 687078 liema servizz gie nstallat fuq talba tal-istess socjetajiet konvenuti jew min minnhom, u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni relattiva markata bhala "Dok A".

Illi l-ammont hu cert likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qieghed jannetti ma dan l-att affidavit markat Dok C a tenur tal-artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Illi minkejja interpellati jhallsu l-ammont kollu dovut, is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, baqghu nadempjenti.

Ghalhekk is-sopcjeta' attrici talbet li s-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m' ghandhix:

tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili

tikkundannhom, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4788.75 (erbat elef seba mija u tminja u tmenin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu), dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone bin-numri 220514, 232605, 249154, 249155, 249156, 249157, 249158, 249536 u 687078 liema servizz gie nstallat fuq talba tal-istess socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni relattiva markata bhala "Dok A".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Jannar 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti, jew min minnhom, mid-data tal-istess li gew ngunti sabiex jixhdu u ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha

Rat l-affidavit ta' Saviour Farrugia prodott mis-socjeta attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Grima Communications Company Limited fejn gie eccepit:

Illi preliminarjament it-talbiet attrici kontriha huma infondati stante illi is-socjeta konvenuta mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza peress illi hija ma ghamlitx u ma ffirmatx il-kuntratt tas-servizz esebit fil-process u m'handha ebda konnessjoni mas-socjeta konvenuta l-ohra jew ma min iffirma l-kuntratt esebit.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Arikolu 2148 (f) tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati u ma huwa dovut ebda ammont mill-eccipjent stante pagament.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Grima Communications Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tal-istess socjeta konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta l-ohra, R.E.L.I Company Limited, fejn gie eccepit:

Preliminarjament li d-dezerzjoni ta' l-azzjoni attrici, stante n-nuqqas tas-socjeta' attrici li tinnotifika l-atti tac-citazzjoni promotrici taghha entro t-terminu stabbilit mill-art 963 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament ukoll, t-talbiet attrici ma setghux jigu ntavolati bil-procedura tal-giljottina stante li jirrizulta mit-talbiet attrici nnifishom li s-socjeta' attrici mhijiex qed tallega solidarjeta' bejn il-konvenuti, izda qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenuti "jew min minnhom", minn dan isegwi li t-talbiet attrici mhumiex ghall-hlas ta' ammont cert, likwidu u dovut, u ghaldaqstant l-ispejjez relattivi ghal-ewwel talba attrici ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra s-socjeta' eccipjenti mhumiex diretti kontra l-legittima kontradittrici, in kwantu s-socjeta' R.E.L.I Co. Ltd <u>odjerna</u> ma ghandha l-ebda relazzjoni, guridika mis-socjeta' R.E.L.I Co. Ltd li applikat ghas-servizz originali msemmi f' "Dok A." Fil-fatt, is-socjeta' li kien jisimha R.E.L.I Co. Ltd <u>dak iz-zmien</u> u li applikat ghas-servizz illum jisimha "Global Village English Center (Malta) Ltd", mentri s-socjeta' R.E.L.I Co. Ltd <u>attwali</u> giet iffurmata fis-sena 1997, u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti R1 sa R4;

Illi minghajr pregudizzju, jirrizulta fil-mertu li l-unika linja tat-telefon li kienet harget f'isem R.E.L.I Co. Ltd hija dik li ggib in-numru 220514, b' dan illi l-kontijiet kollha, inkluzi dawk relattivi ghal tali linja, jirreferu ghal zmien meta l-imsemmija socjeta' kienet itterminat il-kuntratt ta' kera li kellha relattivament ghall-fond li kien qieghed igawdi s-servizz, mentri Grima Communications Co. Ltd kienu l-inkwilini successivi ta' l-istess fond;

Illi f'kull kaz, it-talbiet attrici huma in toto jew in parte preskritti a tenur ta' l-artikolu 2156(d) u (f), Kap 16, Ligijiet ta' Malta, bid-dekors ta' hames snin mid-data tal-proviggjoni tas-servizz u anke mid-data tal-hrug ta' l-ahhar kont relattiv ghall-istess servizz;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta R.E.L.I Co. Ltd. debitament konferemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tal-istess socjeta' konvenuta

Rat in-nota tas-socjeta attrici tat-23 ta' Mejju 2005 li biha l-istess socjeta' attrici cediet l-atti tal-kawza biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta R.E.L.I. Co Limited u zammet fermi l-atti tal-kawza fil-konfront tas-socjerta' konvenuta l-ohra Grima Communications Co Limited.

In vista ta' din in-nota l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tas-socjeta konvenuta R.E.L.I. Co. Limited u konsegwentement il-kawza tissokta biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta l-ohra Grima Communications Co. Limited.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta konvenuta Grima Communications Co. Limited fejn gie eccepit illi s-socjeta attrici ghandha tipprezenta *"itemized billings"*, kif semmai kien talabhom jipprovdulu l-konvenut, fl-ittra gudizzjarja tieghu li giet notifikata lill-atturi qabel dawn fethu din il-kawza.

Rat ir-rikors tas-socjeta konvenuta Grima Communications Co. Limited tas-7 ta' Novembru 2006 (fol.220) fejn gie premess:-

Illi skond l-artikoli 964 u 965(b) "tal-Kodici tal-Procedura tal-Ligijiet ta' Malta" (sic) din il-kawza giet dezerta f'Mejju 2003.

Illi kif jidher a folio 35 tal-process, il-kawza kienet differita sine die fil-21 ta' Jannar 2003 u t-talba ghar-riappuntament tal-kawza mhux biss kienet tardiva izda ma gietx mahlufa bil-gurament kif huwa obbligatorju skond l-artikolku 965(b) tal-Kodici tal-Procedura.

Fuq dawn il-premessi s-socjeta' konvenuta talbet li l-kawza tigi dikjarata dezerta.

Rat ir-risposta tas-socjeta attrici (Fol.223).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta dwar id-dezerzjoni ta' din il-kawza minhabba rregolarita' fir-riappuntament tal-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici b'risposta ghan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex jinghata digriet dwar l-imsemmi rikors tas-socjeta' konvenuta tas-7 ta' ta' Novembru 2006.

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza t-talba tas-socjeta' konvenuta kif kontenuta fir-rikors taghha tas-7 ta' Novembru 2006.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-kawza giet differita "sine die" fil-21 ta' Jannar 2003 (fol.33). Fuq rikors presentat mis-socjeta' attrici fit-18 Awissu 2003 u b'digriet ta' din il-Qorti tal-19 ta' Awissu 2003 il-kawza regghet giet appuntata ghas-smiegh.

L-artikolu tal-ligi li hu rilevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni hu l-artikolu 964 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment, fis-sub-artikolu (1), li - "Kull kawza li jkun hemm f'qorti ta' gurisdizzjoni civili li ….. tigi differita 'sine die' jew xort'ohra sospiza ghandha titqies bhala dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-qorti fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza jew ikun gie presentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tigi appuntata mill-gdid."

Fid-dawl ta' dawn il-provedimenti din il-kawza ghandha titqies li hi dezerta stante li ma gietx appuntata mill-gdid fit-terminu perentorju li trid il-ligi ta' sitt (6) xhur minn meta giet differita "sine die" u stante li s-socjeta' attrici ippresentat ir-rikors taghha, bit-talba li l-kawza tigi riappuntata, wara li kien ghadda l-imsemmi terminu "petemtorju". F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mis-socjeta' konvenuta l-ligi ma timponi l-ebda obbligu li tali rikors jigi

konferrmat bil-gurament. Jigi rilevat ukoll li l-fatt, li d-difensur tas-socjeta konvenuta kien deher f'seduti sussegwenti ghad-digriet tar-riappuntament tal-kawza tal-19 ta' Awissu 2003 ma jbiddel xejn u hu ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta' din il-kwestjoni li tirrigwarda ir-riappuntament tal-kawza u mhux in-notifika tal-konvenuti. Lanqas ma hu rilevanti l-fatt, li l-kawza giet differita ghas-sentenza wara li nghata l-imsemmi digriet tar-riappuntament. Din il-kwestjoni giet sollevata ovvjament wara li nghata l-istess digriet u zguir li ma setghetx tigi sollevata flimkien mal-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' konvenuta. Inoltre minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta, b'xi mod, irrinunzjat ghall-din is-sottomissjoni dwar id-dezerzjoni.

In vista tal-premess it-talba tas-socjeta konvenuta kif kontenuta fir-rikors tas-7 ta' Novembru 2006 timmerita li tigi akkolta u konsegwentement qed jigi dikjarat li r-riappuntament tal-kawza sar b'mod irritwali u mhux skond il-ligi u kwindi d-digriet ta' din il-Qorti tal-19 ta' Awissu 2003 qed jigi revokat "contrario imperio." Tiddikjara li din il-kawza ghandha titqies li hi dezerta ai termini tal-artikolu 964 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez kollha kontra s-socjetra' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------